MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2006

Appell Civili Numru. 783/2000/1

**Martin Cachia**

**v.**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti:**

**I. PRELIMINARI**

1. Fis-26 ta' April 2000, l-attur Martin Cachia pprezenta l-odjerna kawza quddiem l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili, fejn fic-citazzjoni tieghu ppremetta illi fit-3 ta' Settembru 1995, saret tfittxija fuq proprjeta` tieghu mill-

Kummissarju tal-Pulizija, u minn hemmhekk gew elevati diversi magni u makkinarju appartenenti lilu.

L-attur jghid li fid-9 ta' Jannar 1997, huwa kien mressaq il-Qorti fejn kien akkuzat bir-reati ta' frodi kummercjali u ksur ta' copyright. Fil-5 ta' Marzu 1999, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabitu mhux hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontrih, u tali sentenza hija illum *res judicata*. B'digriet sussegwenti, l-istess Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti tal-Gudikatura Kriminali ordnat ir-rilaxx ta' l-oggetti li kienu gew mehuda minghand l-attur u esebiti formalment fl-atti ta' l-istess proceduri. Huwa jkompli jippremetti li dawn l-oggetti, magni u makkinarju, kienu nzammu fi stat hazin tant li lanqas setghu jintuzaw u ntilef konsiderevolment il-valur kummercjali taghhom, u per konsegwenza ta' l-agir tal-konvenut, l-attur sofra danni konsistenti f'telf fil-valur tal-oggetti msemmija. L-istess attur kien ukoll interpella lill-konvenut sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas ta' danni kkagunati lilu.

Ghalhekk, l-attur talab lil dik il-Qorti illi:-
1) Tiddikjara illi l-konvenut ma hax il-prekawzjonijiet necessarji sabiex jassigura li ma jsir ebda hsara lill-oggetti mehuda minghand l-attur, u mizmuma ghand l-istess konvenut konsegwenza tat-tfittxija maghmula mill-istess konvenut nhar it-3 ta' Settembru 1995, u li konsegwentement l-attur sofra danni konsistenti fit-telf ta' l-istess oggetti, magni u makkinarju;

2) Tillikwida d-danni li sofra l-attur konsegwenza ta' l-agir tal-konvenut;

3) Tikkundanna l-konvenut ihallas lill-attur d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez u l-imghax skond il-ligi kontra l-konvenut.

2. Il-Kummisarju tal-Pulizija kkontesta t-talbiet attrici b'erba' eccezzjonijiet :-
(1) Illi huwa mhux il-legittimu kontradittur in kwantu l-oggetti *"de quo"* kienu ghal diversi snin esibiti taht l-

awtorita` tal-Qorti u ghalhekk m'ghandux jirrispondi ghalihom.

(2) Illi huwa mhux talli ma kkawza l-ebda dannu lill-attur izda mal-konkluzjoni tal-proceduri kriminali huwa kien talab lill-attur biex minnufih jiehu l-oggetti u dan, minghajr raguni valida fil-ligi rrifjuta.

(3) Illi l-attur ma ghandu ebda prova li l-oggetti *"de quo"* kienu fi stat tajjeb qabel ma gew elevati jew li ddeterjoraw fil-pendenza tal-proceduri kriminali. Illi Eugenio Franz [Frantz], li kien ko-akkuzat ma' l-attur, kien diga` identifika l-makkinarju li kien jappartjeni lilu u li kien gie elevat flimkien ma' ta' l-attur, u li din il-persuna ma sabet xejn minn dak li kien qieghed jilmenta l-attur fuq hwejjgu.

(4) Illi jekk tassew il-makkinarju garrab xi deterjorament dan huwa imputabbli biss ghal traskuragni u n-nonkuranza ta' l-attur innifsu li naqas li jitlob il-Qorti li tawtorizzah jiehu dawk il-mizuri prekawzjonali u ta' manutenzjoni biex jippreserva fi stat tajjeb l-oggetti msemmija.

## **<u>II. IS-SENTENZA TA' L-EWWEL QORTI</u>**

3. Fit-12 ta' Dicembru 2002, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili, iddecidiet il-kawza billi cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut u laqghet it-talbiet attrici u kkonkludiet billi -

1. iddikjarat li l-konvenut ma hax il-prekawzjonijiet necessarji mehtiega sabiex jassigura ruhu li ma ssir l-ebda hsara lill-oggetti mehuda minghand l-attur u mizmuma ghand l-istess konvenut konsegwenza tat-tfixxija maghmula mill-istess konvenut fit-3 ta' Settembru 1995, u konsegwentament l-attur sofra danni fit-telf tal-istess oggetti, magni u makkinarju;

2. illikwidat d-danni inkorsi mill-attur bhala konsegwenza ta' l-agir tal-konvenut fl-ammont ta' Lm49,991; u

3. ikkundannat lill-konvenut ihallas lill-attur id-danni hekk likwidati, inkluz l-ispejjez u l-imghax legali mid-data tas-sentenza sa l-effettiv pagament.

4. Kopja shiha tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti qeghda tigi annessa bhala appendici ma' l-odjerna sentenza biex tifforma parti integrali minnha billi dik is-sentenza tikkontjeni sunt komprensiv tal-provi mressqa matul il-kawza, u kif ukoll il-motivazzjonijiet tal-Prim Awla li wassluha ghall-konkluzjonijiet taghha.

## III. L-APPELL

5. Il-Kummmissarju tal-Pulizija hassu aggravat minn din is-sentenza u interpona appell minnha quddiem din il-Qorti. Fir-rikors tieghu, ipprezentat fid-19 ta' Dicembru 2002, il-konvenut, jaghmel riferenza ghall-fatti tal-kaz odjern u jsemmi li l-aggravji principali tieghu jikkonsistu fi li l-ewwel Qorti tat affidament komplet lil dak li qal l-attur u bbazat il-konkluzjonijiet kollha u d-decizjoni taghha fuq allegazzjonijiet u ghijdut li ma gewx ipprovati skond ir-rekwiziti tal-ligi. Fost ir-ragunijiet li jsemmi l-konvenut jghid li l-ezercizzju ta' l-apprezzament tal-provi li ghamlet il-Qorti kien wiehed fallaci u nieqes minn sostennn serju kif trid il-ligi. Inoltre, jispjega wkoll fid-dettal ghaliex huwa hassu aggravat, peress li skond hu l-Qorti applikat hazin il-ligi rilevanti ghall-fattispece tal-kaz. L-aggravji msemmija mill-konvenut appellanti ser jissemmew fid-dettall aktar 'l quddiem f'din is-sentenza.

Ghalhekk il-konvenut talab lil din il-Qorti sabiex joghgobha thassar, tirrevoka u tannulla fl-interezza taghha s-sentenza appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellat.

6. Minn naha tieghu, l-attur appellat ma kkontestax dan l-appell b'risposta bil-miktub. Madankollu, huwa ikkontesta l-appell permezz tat-trattazzjoni orali li ghamel id-difensur tieghu fis-seduta mizmuma minn din il-Qorti fit-8 ta' Mejju, 2006.

## IV KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

7. Il-fatti l-aktar saljenti li jikkoncernaw lil din il-kawza huma s-segwenti:
(a) Fil-kors ta' investigazzjoni dwar reati kriminali (ksur tad-drittijiet ta' awtur u frodi kummercjali) il-pulizija ghamlu tfittxija fil-garage No. 3 New Street of Notabile Road, Mriehel, u minn hemm elevaw kwantita` kbira ta' *unrecorded video cassettes, video cassettes, boxes* vojta, *rolls* ta' *audio cassette tape* u makkinarju in konnessjoni ma' *recordings* ta' *audio cassettes*. Il-Magistrat inkwirenti kien innomina lill-AIC Richard Aquilina fil-5 ta' Settembru 1995, biex jaghmel pjanta tal-post u jirrelata dwar dak kollu relevanti ghall-kaz. A fol. 44 *et seq*. tal-process hemm ir-relazzjoni ta' l-AIC Richard Aquilina li turi ezattament l-ispazji fl-imsemmi mahzen kif ukoll oggetti li kienu jinsabu fih u li sussegwentement gew elevati mill-pulizija.

(b) Jirrizulta li l-oggetti elevati ttiehdu fil-*headquarters* tal-pulizija u tpoggew go mahzen hemmhekk. Jirrizulta wkoll li fl-20 ta' Dicembru 1995, il-Perit Tekniku William Cassar Torreggiani li wkoll kien gie nominat mill-Magistrat inkwerenti, b'digriet tal-24 ta' Novembru 1995, zamm access fil-kwartieri generali tal-pulizija, ezattament fejn kienu mahzuna l-oggetti meritu tal-kawza odjerna, b'inkarigu li jezamina l-oggetti esebiti u jirrelata dwarhom ghall-fini tal-proceduri *in corso* kontra l-attur odjern. Kopja ta' din ir-relazzjoni tinsab a fol. 29 *et seq*. tal-process, tikkontjeni lista dettaljata ta' l-oggetti meritu tal-kawza.

(c) Fid-9 ta' Jannar 1997, l-attur odjern flimkien ma' siehbu fin-negozju Eugenio Frantz, tressqu quddiem il-Qrati ta' gudikatura kriminali akkuzati bir-reati ta' frodi kummercjali u reati konnessi ma' ksur ta' drittijiet ta' awtur.

(d) Jirrizulta li fil-5 ta' Marzu 1999, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali lliberat lill-akkuzati mill-akkuzi dedatti kontra taghhom. Jidher li din il-liberazzjoni ta' l-akkuzati kienet sehhet principalment ghaliex il-prosekuzzjoni ma kienx irnexxielha ggib il-kwerela privata tat-terzi persuni li allegatament kien

inkisrilhom id-dritt ta' awtur taghhom. Kopja ta' din is-sentenza tinsab a fol. 55 *et seq.* tal-process.

(e) Fil-21 ta' Dicembru 1999, l-attur odjern kif ukoll Eugenio Frantz, f'isimhom proprju u Eugenio Frantz ghan-nom tas-socjeta` Margin Co. Ltd. ipprezentaw protest gudizzjarju quddiem l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili kontra l-Kummissarju tal-Pulizija u l-Ispettur Anoine Casha. B'dan il-protest, wara li *inter alia* ghamlu referenza ghad-digriet tal-Qorti ta' Gudikatura Kriminali li bih dik il-Qorti ordnat ir-rilaxx ta' l-oggetti li kienu gew elevati mill-pussess taghhom u li kienu gew esebiti formalment fl-atti ta' l-istess proceduri, huma interpellaw lill-intimati sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni fir-rigward ta' l-istess oggetti elevati billi meta dawn gew finalment ritornati lilhom irrizultalhom li l-istess oggetti, magni u makkinarju kienu nzammu fi stat hazin tant illi lanqas biss setghu jintuzaw u ntilef konsiderevolment il-valur kummercjali taghhom. Kopja ta' dan il-protest jinsab a fol. 6 et seq. tal-process.

(f) Fis-26 ta' April 2000, l-attur Martin Cachia intavola l-odjerna citazzjoni quddiem l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili, u biha talab lil dik il-Qorti tiddikjara illi l-konvenut, il-Kummissarju tal-Pulizija, li ma hax il-prekawzjonijiet necessarji sabiex jizgura li ma ssir ebda hsara lill-oggetti mehuda minghand l-attur u mizmuma ghand l-istess konvenut konsegwenza tat-tfittxija maghmula mill-istess konvenut nhar it-3 ta' Settembru 1995, u konsegwentement talab dikjarazzjoni li l-attur sofra danni konsistenti fit-telf ta' l-istess oggetti u makkinarju. Talab ukoll li dik il-Qorti tillikwida d-danni li sofra l-attur konsegwenza ta' l-agir tal-konvenut u li l-istess Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur id-danni hekk likwidati.

(g) B'sentenza moghtija fit-12 ta' Dicembru 2002, dik il-Qorti, wara li cahdet l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, illum appellant, li jinsabu migjuba fil-paragrafu 2 *supra*, laqghet it-talbiet ta' l-attur, illum appellat, u llikwidat id-danni fis-somma ta' disgha u erbghin elf disa' mija u

wiehed u disghin lira Maltin (Lm49,991) li l-konvenut appellant gie kkundannat ihallas lill-attur.

(h) A fol. 96 sa 99 tal-process hemm relazzjoni tal-Perit Tekniku Alfred P. Camenzuli u numru ta' ritratti li juru l-istat li fih instabu l-imsemmija oggetti meritu tal-kawza fl-access li huwa zamm fil-kwartieri generali tal-pulizija fil-11 ta' Lulju, 2000. Mar-relazzjoni hemm esebiti wkoll numru ta' ritratti li juru ezattament x'sab dan il-Perit Tekniku li ddikjara li l-istess oggetti huma "total loss" u bla ebda "recovery value". Dan il-perit ikkonstata li fil-mahzen in kwistjoni kien hemm umdita` u moffa.

8. Il-konvenut ikkombatta l-azzjoni odjerna ta' l-attur b'diversi eccezzjonijiet. Bl-ewwel eccezzjoni tieghu huwa eccepixxa preliminarjament li huwa ma kienx il-legittimu kontradittur in kwantu l-oggetti in kwistjoni kienu ghal diversi snin esebiti taht l-Awtorita` tal-Qorti u ghalhekk l-eccipjent ma ghandux jirrispondi ghat-talbiet attrici.

9. Meta l-ewwel Qorti ghaddiet biex tivvaluta t-talbiet attrici fl-isfond ta' l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, hija kkummentat hekk dwar din l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut:
"Illi l-eccezzjoni li l-konvenut ma huwiex il-legittimu kuntradittur ma jirrizultax li hija tenibbli la fil-fatt u lanqas fid-dritt u dan peress li fl-ebda mument waqt dawn il-proceduri ma gie kkontestat li l-oggetti kienu effettivament depositati fil-pussess fiziku w attwali tal-konvenut, u fil-fatt ma hemm l-ebda dubju li l-istess oggetti kienu fil-kustodja tal-istess konvenut fuq talba tieghu stess, waqt il-proceduri li kienu qed isiru kontra l-konvenut. Anzi, jinghad illi rrizulta bl-aktar mod car fejn ezattament dawn kienu mizmuma, u dan anke waqt l-access mizmum mill-Perit Tekniku inkarigat minn din l-istess Qorti, u ghalhekk il-Qorti thoss u tiddeciedi li l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut hija kompletament bla ebda bazi fattwali u legali.

Illi f'dan il-kuntest bizzejjed wiehed ihares lejn ix-xhieda moghtija mis-Supretendent Dr. Antoine Casha, tas-6 ta' Frar 2001 fejn jghid:-

*“dawn zammejthom f’garage tal-Pulizija, l-Furjana … … ... Il-post zammejthom. Mhux qed nghid jien. Meta tfajthom fil-garage tlabt lis-superjuri tieghi biex isibuli post adegwat ghax naf li s-Sur Cachia qalli li* dawn *jiswew hafna flus”.*

Illi mill-istess xhieda jirrizulta li l-istess oggetti mertu tal-kawza odjerna baqghu fl-istess post, *stante* li jidher li ma gie provdut ebda post alternattiv, u fil-fatt l-ispezzjoni taghhom mill-perit tekniku Alfred P. Camenzuli fl-istess post u fejn l-istess perit tekniku ha diversi ritratti (tletin (30) b’kollox) tal-istess tal-imsemmija proprjeta’ tal-attur li jinsabu esebiti mar-relazzjoni peritali a fol. 96 tal-process.“

10. Ghandu jigi rilevat hawn li l-ewwel Qorti kienet waslet ghall-konkluzjonijiet taghha fis-sentenza appellata billi applikat l-Artikoli 1899, 1900(a)(c), 1132 u 1904 tal-Kodici Civili, li lkoll kemm huma jikkoncernaw disposizzjonijiet dwar l-istitut tad-depozitu fil-kamp civili.

11. Bl-ewwel aggravju tieghu l-appellant qieghed isostni li l-ewwel Qorti applikat hazin il-ligi rilevanti ghall-fattispeci tal-kaz. L-appellant issottonlineja li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta rriteniet li huwa kellu obbligi ta’ depozitarju skond l-Artkolu 1899 *et seq.* tal-Kodici Civili. Huwa jikkummenta hekk:
“L-ewwel zball tal-Qorti kien li ekwiparat istitut ta’ dritt civili mal-funzjoni fid-dritt pubbliku li ghandu l-Kummissarju tal-Pulizija fl-elevazzjoni u l-preservazzjoni ta’ l-oggetti ghas-sejbien u l-prosekuzzjoni tar-reati. Din hija funzjoni regolata mill-Kodici Kriminali u fl-ebda mument meta ssir din l-elevazzjoni ma jkunx hemm xi “kuntratt” bejn l-esponent u min ikun issuspettat li kkommetta r-reat.”

L-appellant insista li l-gurisprudenza Maltija hija f’dan is-sens u ghamel referenza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti, diversament komposta, tad-29 ta’ April 1996, fl-ismijiet **Antonio Dimech v. l-Kummissarju tal-Pulizija et**. F’din is-sentenza ntqal li f’kaz bhal dan, il-kuntratt ta’ depozitu, anke dak necessarju, ma jiccentrax ghaliex l-

obbligu naxxenti ghall-preservazzjoni ta’ l-oggetti elevati jitwieled mill-Artikolu 357 tal-Kodici Kriminali. L-appellant zied jghid li s-sentenza appellata kienet zbaljata fir-rigett ta’ l-ewwel eccezzjoni ta’ l-appellant billi applikat hazin il-ligi peress li ma kien hemm l-ebda relazzjoni konsenswali bejn l-appellat u l-konvenut fuq iz-zamma ta’ l-oggetti. L-appellant irrefera ghall-Artikolu 357 tal-Kodici Kriminali li jghid hekk:
“Meta ufficjal tal-pulizija ezekuttiva jikxef armi, dokumenti, tracci jew sinjali jew hwejjeg ohra li jkollha li jkollhom x’jaqsmu ma’ reat, hu ghandu jfittex li jistabilixxi u jizgura l-ezistenza taghhom u jzommhom fl-istat li jkun sabhom, sakemm jaghmel ir-rapport tieghu lill-Qorti tal-Magistrati….” (enfasi tal-Qorti)

L-appellant jinsisti li f’kazijiet bhal dawn din id-disposizzjoni ghandha l-importanza taghha ghax tindika min huwa responsabbli ghaz-zamma ta’ l-oggetti elevati wara li jsir r-rapport lill-Qorti tal-Magistrati. Jghid li din ir-responsabbilita` ma tibqax fuqu, aktar u aktar meta l-persuna titressaq imputata b’reati u l-oggetti li jkunu gew elevati eventwalment ikunu esebiti formalment quddiem il-Qorti ta’ gudikatura kriminali.

12. L-appellant jissottometti li s-sentenza appellata injorat ghal kollox il-prova li ghamel il-konvenut li l-oggetti kollha, allegatament danneggjati, kienu gew esebiti formalment fil-Qorti tal-Magistrati u skond il-ligi huwa r-registratur dak l-ufficjal pubbliku li, taht id-direzzjoni tal-Qorti, jikkostudixxi u jiddisponi mill-oggetti esebiti quddiemha, immaterjalment minn fejn ikunu qeghdin jinzammu fizikament l-istess oggetti. Hawnhekk l-appellant irrefera ghall-Artikolu 671 tal-Kodici Kriminali, kif kien fiz-zmien tal-proceduri mehdua kontra l-appellat u fiz-zmien li giet intavolata l-azzjoni promotrici ta’ dan il-gudizzju (cioe` fis-sena 2000). L-Artikolu 671 imsemmi kien jghid hekk:
“L-oggetti ta’ kull xorta li jkollhom x’jaqsmu ma’ proceduri kriminali, ghandhom jibqghu merfughin taht idejn ir-registratur, u ghandha titnissel deskrizzjoni taghhom bir-reqqa f’registru li ghandu jinzamm ghal daqshekk:

izda dawn l-oggetti jistghu jinzammu merfughin ghand persuna ohra, meta l-Qorti jidhrilha mehtieg li tordna hekk.” (enfasi tal-Qorti)

L-appellant jissottometti li huwa ma kienx responsabbli ghaz-zamma ta’ l-oggetti elevati minghand l-appellat ghaliex huwa kien ghamel rapport dwarhom lill-Magistrat Inkwirenti ai termini ta’ l-Artikolu 357 fuq imsemmi u ghaliex eventwalment dawn kienu gew esebiti formalment quddiem il-Qorti kompetenti. L-appellant izid jghid li la darba l-elevazzjoni ta’ l-oggetti minghand l-appellat saret in funzjoni ta’ poter ezekuttiv, ma kien hemm l-ebda rabta kontrattwali jew xort’ohra fid-dritt civili bejnu u bejn l-appellant, aktar u aktar meta l-oggetti gew formalment esebiti fil-qorti.

13. Jirrizulta mill-provi akkwiziti ghall-process li l-oggetti meritu tal-kawza odjerna gew elevati mill-pulizija fil-kors ta’ l-investigazzjonijiet taghhom dwar reati kriminali. Jidher wkoll li l-Magistrat inkwirenti gie informat mill-ewwel b’dan l-operat tal-pulizija. Jirrizulta li wara xi xhur l-attur odjern gie mressaq quddiem il-Qorti ta’ gudikatura kriminali biex iwiegeb ghar-reati mressqa kontrih. Fil-kors ta’ dawk il-proceduri, l-istess oggetti gew formalment esebiti fil-qorti, nonostante li baqghu mahzuna fil-post fejn kienu originarjament tqeghdu mill-pulizija ai termini ta’ l-imsemmi Artikolu 671. L-appellant qieghed jissottometti li r-responsabbilita` tieghu ghaz-zamma ta’ l-oggetti elevati baqghet issehh biss sa meta ghamel ir-rapport tieghu lill-Qorti tal-Magistrati. Izid jghid li r-responsabbilita` tieghu certament waqfet appena l-istess oggetti gew formalment esebiti fil-kors tal-proceduri kriminali li ttiehdu kontra l-attur odjern u siehbu fin-negozju. Allura l-appellant qieghed jirritejni li huwa mhuwiex il-legittimu kontradittur f’din il-kawza u li ghalhekk li ma ghandu xejn x’jirrispondi dwar l-allegati danni li saru fl-oggetti elevati.

14. Din il-Qorti taqbel sostanzjalment ma’ dak li gie sottomess mill-appellant li fil-kaz odjern ma kien hemm ebda kuntratt ta’ depozitu li kien regolat mid-disposizzjonijiet tal-Kodici Civili kif erronjament irriteniet ta’

l-ewwel Qorti. Invece, kien hemm relazzjoni *ad hoc* li hija bbazata fuq id-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali fosthom dawk imsemmija aktar qabel. Hawnhekk il-Qorti trid taghmel referenza ghas-sentenza citata qabel cioe` **Antonio Dimech v. il-Kummissarju tal-Pulizija et** deciza minn din il-Qorti, diversament komposta, u li tinsab riportata fil-Volum 80 (1996), Part II, p. 695. Irid jigi rilevat illi dik il-kawza ma saritx biss kontra l-Kummissarju tal-Pulizija izda saret ukoll kontra r-Registratur tal-Qorti, li pero` gie liberat minn kull addebitu. Dan x'aktarx ghaliex irrizulta li x-xarabank, li kienet giet elevata mill-pulizija u li kienet giet formalment esebita fil-proceduri kriminali li kienu ttiehdu kontra Antonio Dimech, kienet fil-fatt diga` tinsab kompletament distrutta f'incendju li gara qabel ma din ix-xarbank giet formalment esebita fl-istess proceduri. F'dik is-sentenza ntqal li l-Artikolu 671 tal-Kodici Kriminali ma kienx japplika ghal dak il-kaz ghaliex:-
"Meta x-xarabank kienet ghar-raguni, certament sospettata, esebita fil-proceduri kriminali, din kienet diga` giet kompletament distrutta."

15. Fil-kaz odjern l-appellat intavola l-kawza unikament kontra l-Kummissarju tal-Pulizija u ma involva bl-ebda mod lir-Registratur tal-Qorti. Il-provi akkwiziti fil-process juru li l-oggetti meritu tal-kawza odjerna kienu gew formalment esebiti fil-proceduri kriminali li ttiehdu kontra l-appellat. Fil-fehma ta' din il-Qorti, r-responsabbilita` ghaz-zamma adegwata ta' dawk l-oggetti, ghaddiet minn fuq spallejn l-appellant ghal fuq dan ir-Registratur u dan nonostante li l-appellant baqa' jzomm ghandu materjalment l-oggetti elevati. Dan ghaliex mill-punto di vista legali l-kustodja ta' l-istess oggetti saret responsabbilita` tar-Registratur. Tant hu hekk li meta l-appellat ried jispezzjona l-istess oggetti elevati, huwa kellu jitlob il-permess tal-Qorti biex jaghmel dan. Infatti *a fol.* 73 tal-process hemm id-dokument AM1 esebit li jaqra hekk:
"Id-difiza titlob li l-imputat ikun jista' jara l-makkinarju. Il-Qorti tawtorizza lill-imputat imur fil-garage tal-Pulizija Floriana, biex jispezzjona l-makkinarju mizmum taht il-kustodja ta' din il-Qorti b'jumejn preavviz."

17. Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti l-ewwel aggravju ta' l-appellant huwa gustifikat u dan b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 357 u 671 tal-Kodici Kriminali, u cioe` kif dawn l-artikoli kienu fiz-zmien qabel saru l-emendi fis-sena 2002.

18. Illi konsegwentement hemm lok li l-appell jintlaqa' billi din il-Qorti tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut appellant.

19. Illi la l-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni ma ghandhiex ghalfejn tkompli tindaga dwar l-aggravji l-ohra ta' l-appellant.

20. Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata u previa li tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut appellant, tillibera lill-istess konvenut appellant mill-osservanza tal-gudizzju. Billi dan il-kaz kien jinvolvi aspetti legali ta' certa diffikulta` l-Qorti jidhrilha li huwa gust li jkun hemm temperament fil-kap ta' l-ispejjez u ghalhekk tordna li l-ispejjez, kemm tal-prim istanza u kemm ta' din l-istanza, jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

Deputat Registratur
Mgc

**APPENDICI**

Kopja shiha tas-sentenza appellata qeghda tigi annessa ma' l-odjerna sentenza biex tifforma parti integrali minnha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------